Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 25/17

**AVVIŻI**

**18 ta' Ġunju 2017**

Illum qegħda ssir il-Ġabra Speċjali għall-Parroċċa. Nitolbukom tkunu ġenerużi fl-offerta tagħkom ħalli jkunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż tal-Festa.

Nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju fis-7.00pm issir il-quddiesa tal-Festa għat-Tfal. Fi tmiem il-quddiesa jingħata ċeritikfat lil dawk li rċevew l-Ewwel Tqarbina, issir il-preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal u jkun hemm festin żgħir li għalih it-tfal huma mistiedna jġibu xi ħaġa tajba magħhom ħalli jaqsmuha mal-oħrajn.

Nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju fis-7.00pm issir il-quddiesa tal-Festa għall-koppji. Għaliha jkun hawn fostna membri mill-parroċċa tal-Fontana, Għawdex, li hi ġemellata mal-parroċċa tagħna.

Nhar l-Erbgħa 21, il-Ħamis 22 u l-Ġimgħa 23 ta' Ġunju huma tlitt ijiem bi preparazzjoni għall-Festa. Fis-6.30pm ikun hemm ir-Rużarju meditat, fis-7.00pm quddiesa u wara l-quddiesa titntalab il-Kurunella u titkanta l-Antifona.

Nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju fis 5.45pm issir it-Translazzjoni Solenni miċ-Ċentru Parrokkjali. Wara, jintalab l-Ewwel Għasar Solenni u fis-7.00pm ikun hemm il-quddiesa.

Nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju quddiesa fis-6.00am, fid-9.00am it-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, fid-9.30am quddiesa Solenni u wara jsir it-tberik tad-Dar Parrokkjali. Filgħaxija: quddiesa fis-6.00pm, fis-6.45pm Għasar Solenni bis-sehem ta' dawk kollha li sa jieħdu sehem fil-Festa, fis-7.30pm ħruġ tal-purċissjoni u fid-dħul tal-istatwa titkanta l-antifona u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Dawk li jixtiequ joffru bukkett fjuri biex tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-Festa għandhom iħallu isimihom fis-sagristija mill-aktar fis. Kull bukkett jiswa' €35.

Il-morda li jixtiequ jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda fil-jiem tal-Festa għandhom jikkuntattjaw lill-kappillan sal-lum.